MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 60/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

***-- omissis --***
**Mario Fenech**
**Pauline Fenech**
**Charles Camilleri**
***-- omissis --***

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva originarjament kontra Joseph Gauci, Mario Fenech, Pauline Fenech, Charles Camilleri, Carmel Zarafa, Pauline Saliba, Simon Grech, Mark Laus u Charles Lebrun talli (ghal dak li jirrigwarda l-appellanti odjenrni):

(1) Mario Fenech, Pauline Fenech, u Charles Camilleri, fis-16 ta' Gunju 1997 ghal habta tad-9.00am, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda

biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li kellhom, gieghlu bl-awtorita` taghhom infushom lil xi hadd ihallas id-dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hattew bini, jew kissru il-mixi tal-ilma jew hadu l-ilma ghalihom jew b' xi mod iehor kontra l-ligi ndahlu fi hwejjeg haddiehor u cioe` fi hwejjeg Yousif Ahmad Issa Mohammed mill-Palestina;

(2) kif ukoll talli nhar is-16 ta' Gunju 1997 u matul is-sentejn ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkunu ndahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

(3) -- *omissis* --

(4) -- *omissis* --

(5) -- *omissis* --

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta'April, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet *inter alia* lil imsemmja Mario Fenech, Pauline Fenech u Charles Camilleri hatja ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom u illiberathom skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar; kwantu ghat-tieni imputazzjoni, peress li din kienet wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Fenech u Pauline Fenech, minnhom ippresentat fil-21 ta' April, 2003 li permezz tieghu talbu r-riforma ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tikkoncerna is-sejbien ta' htija fil-konfront taghhom; rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' Charles Camilleri (ukoll ippresentat fil-21 ta' April, 2003), li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza in kwantu tikkoncerna s-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, 2003; ikkunsidrat:

Permezz ta' nota ppresentata fil-15 ta' Lulju, 2003 l-appellant Charles Camilleri ceda l-appell tieghu.

Konsegwentement din il-Qorti mhix sejra tiehu konjizzjoni aktar tieghu.

L-appellanti konjugi Fenech bazikament jikkontendu li huma ma setghux jinstabu hatja tar-reat ta' *ragion fattasi* peress li kien l-istess Yousif Ahmad Issa Mohammed li kien tahom il-permess li jiehdu oggetti tal-merkanzija mill-hanut proprjeta` tas-socjeta` li taghha l-istess Mohammed kien direttur.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, u in partkolari d-deposizzjonijiet ta' Yousif Ahmad Issa Mohammed (fol. 140,141), ta' Marisa Spiteri (fol. 204, 205), ta' l-Avukat Dott. Toni Abela (fol. 359-361) u ta' George Vella (fol. 407, 408) hi tal-fehma li t-tezi tal-appellanti konjugi Fenech – u cioe` li huma kienu gew awtorizzati minn Yousif Ahmad Issa Mohammed li jiehdu l-affarijiet li effettivament hadu – hija plawsibbli. Konsegwentement l-appell taghhom jimmerita li jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tipprovdi dwar iz-zewg appelli interposti bil-mod segwenti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell ta' Charles Camilleri;

2. tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tiorrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lil Mario Fenech u lil martu Pauline Fenech hatija skond l-ewwel imputazzjoni u fejn ghamlet ordni ta' "conditional discharge" fir-rigwarda taghhom, u minflok tillibarahom minn din l-ewwel imputazzjoni u minn kull htija, piena jew provvediment dwarha; u

3. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------